Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Stacy Gatt]

vs

Najah Agheez

Kumpilazzjoni Numru: 77/2022

Illum, hamsa (5) ta' Mejju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Najah Agheez** detentur tar-Refcom 28492 akkuzat talli nhar it-18 ta' Frar, 2022 f'xi hin bejn l-

10:30hrs u 11:00hrs fi Pjazza San Pawl, gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. Issoggetta lill--Omissis- (ID -Omissis-) ghal xi att u jew imgieba li jkollha konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u jew ghemil, bil-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi u jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem u jew imgieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti u jew intimidatorji lejha, liema reat sar fuq persuna ta' sbatax-il sena u cioe minuri;
   Art 251A (1)(e); Art 251H (d) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Ukoll talli issoggetta lil -Omissis- (ID -Omissis-) ghal xi att ta' intimità fizika, liema reat sar fuq persuna ta' sbatax-il sena u cioe minuri.
   Art 251A (1)(c); Art 251H (d) ta' Kap tal-Ligijiet ta' Malta

3. Kif ukoll talli waqt li kien f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu.

Art 338 (ff) Kap 9

4. U aktar talli ikkommetta att ta' natura sesswali minghajr il-kunsens ta' -Omissis- (-Omissis-), u cioe minuri.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-allegata vittma u l-familjari taghhom;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna Najah Agheez sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn hu wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 251A (1)(e) u 251H (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 251A (1)(c); 251H (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 207; 202 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
5. Kif ukoll fl-artikoli 382A; 383; 384; 385; 386; 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u fl-artikoli 17; 31; 532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni fis-seduta datata sbatax (17) ta' Marzu 2025.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi xehdet <u>l-Ispettur Stacy Gatt</u> li pprezentat rikors ghall-ftuh tal-Qorti b'Urgenza, rinunzja ghad-dritt ta' Assistenza Legali, Stqarrija tal-akkuzat, Asylum Seeker Document u okkorrenza. Tghid li fit-tmintax (18) ta' Frar 2022 giet infurmata minn PS1469 li spjegalha li fis-siegha u ghoxrin minuta ta' waranofsinhar accediet gewwa l-Ghassa tal-Hamrun certu -Omissis- flimkien ma' zewg (2) haddiema socjali u cioè Rebecca Cassar u Mariah Cini. Tghid li -Omissis- spjegat li dakinhar waqt li kienet gol-pjazza tal-Hamrun, u cioè Pjazza San Pawl, fl-ghaxra u nofs ta' filghodu kien hemm persuna maskili li ma kinitx taf u li dan taha fastidju sesswali. Izzid tghid li dan ir-ragel talab lill-allegata vittma sabiex tmur mieghu lura d-dar izda hi ma tatux wicc billi tghidlu li ghandha gharusa u

li mizzewga. F'hin minnhom ir-ragel pogga idu fuq il-koxxa tal-allegata vittma kif ukoll m'ghonqha izda hi nehhietlu jdejh. Dak il-hin ir-ragel dahal go stabbiliment u kif hareg sabiex jerga' jkellem lil -Omissis- avvicinah persuna ohra sabiex ma jkomplix jaghtiha fastidju. Izzid tghid li l-ghada l-allegata vittma kienet gol-istess pjazza fis-sitta u nofs ta' filghaxija meta l-istess ragel rega' pogga bilqieghda hdejn l-allegata vittma u filwaqt li skuza ruhu ammetta maghha li l-gurnata ta' qabel hu kien fis-sakra. Minkejja dan l-allegata vittma wettqet rapport fil-konfront tieghu u l-Pulizija arrestaw lil dan ir-ragel li nzerta huwa l-akkuzat. Tghid ukoll li l-vittma kienet giet dikjarata nieqsa stante li kienet harbet mid-Dar -Omissis- gewwa -Omissis-.

Tkompli tixhed li wara li nghata d-drittijiet tieghu nkluz dak tal-interpretu l-akkuzat ittihditlu stqarrija fl-ghoxrin (20) ta' Frar 2022. Tghid li waqt l-istqarrija l-akkuzat spjega li ilu Malta mis-sena 2019. Izzid tghid li l-akkuzat stqarr li peress li kien mietlu missieru l-gimgha ta' qabel hu kien spicca fi stat xurban dakinhar li sehh l-allegat reat u ammetta li kien mess lill-allegata vittma fuq sidirha u minn fuq il-hwejjeg. Kien ghalhekk li talab skuza waqt l-istqarrija filwaqt li ttiehed il-Qorti taht arrest. Inkontroezami tghid

li l-vittma ma qalitx li kienet imdejqa bir-relazzjoni li kellha u li kienet qieghda tfittex lill-akkuzat u lanqas l-akkuzat ma stqarr hekk.

Illi xehdet il-vittma minuri **-Omissis-** bis-sistema awdjo-viziva u bil-lingwa Ingliza. Tghid li meta sehh l-allegat reat hi kienet qieghda gewwa Pjazza San Pawl gewwa l-Hamrun u waqt li kienet qieghda tikkomunika mal-gharus taghha tramite WhatsApp meta kien mar fuqha l-akkuzat u pogga bilqieghda hdejha minkejja li qaltlu li kienet skomda fil-prezenza tieghu. Izzid tghid li dak il-hin l-akkuzat beda jmissilha hogorha filwaqt li anke pprova jdahhal idejh taht il-flokk taghha. Tixhed li hi nehhietlu jdejh kull darba li messha. Tkompli tghid li l-akkuzat telaq dak il-hin u dahal go stabbiliment fil-vicinanzi u kien hemmhekk li qaghad maghha l-gharus taghha izda wara ghoxrin minuta telaq. Dak il-hin rega' avvicinaha l-akkuzat u din id-darba hatfilha sidirha.

Tkompli tixhed li wara li telaq l-akkuzat inzerta giet Pulizija tal-kommunità li gharfitha stante li kienet iddikjarata bhala persuna nieqsa. Kien ghalhekk li hi wettqet rapport fil-konfront tal-akkuzat u stqarret dak kollu li kien gara. Tippreciza li l-akkuzat kien fis-

sakra meta wettaq l-allegati reati u hi setghet tinnota dan mill-atteggjament tieghu. Tixhed ukoll li l-ghada hi kienet fl-istess pjazza u rega' gie fuqha l-akkuzat sabiex jiskuza ruhu maghha izda hi keccietu 'l hemm. Tixhed li matul dan l-avveniment l-akkuzat kellimha bil-Malti u b'accent Gharbi. Tikkonferma li d-data tat-twelid taghha hija -Omissis-.

Inkontroezami tghid li dan l-incident dam bejn ghoxrin u tletin minuta. Tixhed li minkejja li kien hemm in-nies fil-pjazza hi ma kinitx taf x'ghandha taghmel stante li kienet taht xokk u kien ghalhekk li hi ma werzqitx ghal ghajnuna. Tghid li hi u l-akkuzat ma kinux ftiehmu biex jiltaqghu.

Illi xehed <u>PS 1469 Emerson Borg</u> li jghid li fit-tmintax ta' Frar tas-sena 2022 giet l-Ghassa l-vittma minuri flimkien mal-haddiema socjali taghha sabiex twettaq rapport fil-konfront ta' persuna ta' nazzjonalità barranija. Jghid li gie allegat li din il-persuna maskili avvicina l-vittma minuri bejn l-ghaxra u l-hdax ta' filghodu u talabha sabiex imur maghha filwaqt li messilha saqajha izda hi cahdet dawn l-avvanzi. Izid jghid li ftit wara din il-persuna maskili rega' gie bl-istess avvanzi izda din id-darba gie mwaqqaf minn

terzi persuni li kienu fil-vicinanzi. Jghid li dan kollu gara fi pjazza San Pawl. Ikompli jixhed li hu kien talab lill-Kunsill Lokali kopja tal-filmati fl-akkwati tal-pjazza izda gie infurmat li s-sistema tas-CCTV ma tahdimx. Jixhed li fid-dsatax (19) ta' Frar 2022 gie infurmat minn -Omissis- li l-istess ragel rega' avvicinaha fis-sitta u nofs ta' filghaxija sabiex jiskuza ruhu u hu telaq lejn Johnny's Bar. Jixhed li kien ghalhekk li hu acceda go dan l-istabbiliment u arresta lill-akkuzat fuq allegazzjoni ta' fastidju sesswali. Ikompli jixhed li hu kien tah is-solita twissija kif ukoll id-drittijiet tieghu skont il-ligi u fil-fatt ittiehdet stqarrija fil-prezenza tat-traduttur. Izid jghid li -Omissis- kienet tichad l-avvanzi tieghu billi tghidlu li hi gharusa u mizzewga. Jixhed li fid-dsatax (19) ta' Frar 2022 l-allegata vittma kienet ser twettaq rapport fuq incident totalment differenti u cioè rigward li allegatament giet aggredita minn tfajliet ohra li jirrisjedu maghha gewwa d-dar residenzjali.

Illi xehdet <u>PC 2175 Anthea Portelli</u> li tghid li fit-tmintax (18) ta' Frar 2022 kienet qieghda tiskorta lil -Omissis- stante li l-istess -Omissis- kienet iddikjarata nieqsa. Tghid li hi baqghet maghha sakemm gew haddiema socjali minn tal-Agenzija Appogg. Tghid ukoll li hi qaghdet mal-vittma minuri barra vicin l-Ghassa tal-

Hamrun. Tixhed li ma tafx kemm kellha zmien -Omissis- filwaqt li ma kellhiex konverzazzjoni maghha.

Illi xehdet Mariah Cini li hija stazzjonata fi hdan l-Agenzija Appogg. Tghid li fi Frar tas-sena 2022 l-allegata vittma ghamlet kuntatt mal-haddiema socjali taghha li kienet qieghda quddiem l-Ghassa tal-Hamrun. Tixhed li l-haddiema socjali kienet certa Rebecca Cassar li llum il-gurnata ma tahdimx bhala haddiema socjali u m’ghadhiex issegwi l-allegata vittma. Tghid li hi saret taf li l-vittma minuri kienet quddiem l-Ghassa tal-Hamrun stante li kien hemm ragel fil-pjazza tal-Hamrun li pprova jmissha sesswalment. Tikkonferma li dakinhar tal-allegat reat -Omissis- kienet mahruba mid-dar residenzjali -Omissis-. Tixhed li fil-fatt kienet marret flimkien mal-haddiema socjali taghha sabiex tigbor lill-istess -Omissis- mill-Ghassa. Izzid tghid li kien dak il-hin li l-allegat vittma wettqet rapport fil-konfront ta’ ragel ta’ karnaggjon skur li pogga hdejha u pprova jmissilha sidirha.

Illi xehdet Dr Sara Ezabe ghan-nom u inrapprezentanza tal-International Protection Agency u tghid li hi tokkupa l-kariga t’Avukat fid-Dipartimet Legali tal-International Protection Agency.

Tixhed li rigward id-dokument immarkat SA4 dan ikun dokument li johrog lill-applikant mid-dipartiment taghha meta l-applikant ikun irid ikollu access ghad-drittijiet tas-sahha, xoghol, eccetra. Tikkonferma li tali dokument jirreferi ghal certu Najah Agheez u nhareg fit-tlettax (13) t'Ottubru 2019.

Illi xehdet <u>Dr Katya Vassallo</u> li pprezentat traduzzjoni tax-xhieda tal-minuri -Omissis- mil-lingwa Ingliza ghal dik Maltija liema traduzzjoni giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. KV1.

Illi xehdet <u>Rebecca Bajada</u> haddiema socjali fi hdan l-Appogg li tghid li fid-dsatax (19) ta' Frar tas-sena 2022 hi kienet tokkupa l-kariga ta' haddiema socjali on-call. Tixhed li hi kienet giet mghajta mill-Ghassa tal-Hamrun fit-tmienja u nofs ta' filghaxija fejn hi u l-kollega taghha Gillian Spiteri sabiex jakkumpanjaw lil -Omissis- sabiex izzid mar-rapport li kienet wettqet il-gurnata ta' qabel. Tixhed li tali rapport kien rigward allegat fastidju sesswali li ragel kien ipprova jmissha fit-tmintax (18) ta' Frar 2022. Tixhed li l-allegata vittma ziedet tghid li fid-dsatax (19) ta' Frar 2022 l-istess ragel kien rega' pprova jmissilha koxxtejha waqt li kienu gewwa

gnien li jinsab quddiem l-Ghassa u kien eventwalment ipprova jdahhal idejh taht il-flokk tal-allegata vittma.

Inkontroezami tghid li bejn it-tmintax (18) u d-dsatax (19) ta' Frar 2022 l-allegata vittma kienet tirrisjedi gewwa d-dar residenzjali -Omissis- u li kien hemm perjodi fejn l-istess -Omissis- kienet tahrab izda ma tistax tghid jekk kinitx mahruba f'dawk il-granet.

Illi xehdet **Gillian Spiteri** ghan-nom u inrapprezentanza tac-Child Protection Services li tghid li kienet giet mghajta fid-dsatax (19) ta' Frar 2022 fit-tmienja u nofs ta' filghaxija mill-Pulizija stante li xtaqu jkellmu lill-allegata vittma dwar rapport li kienet ghamlet il-gurnata ta' qabel. Izzid tghid li dakinhar -Omissis- spjegat kif il-gurnata ta' qabel meta kienet fil-pjazza tal-Hamrun kien mar fuqha ragel li pogga bilqieghda hdejha u messilha koxxtejha filwaqt li pprova jmessilha taht sidirha. Tghid li hi ma tafx min hu dan ir-ragel li bdiet tirreferi ghalih -Omissis-.

Inkontrezami tghid li l-allegata vittma ma spjegtax ghalfejn kienet bilqieghda fuq bank gol-pjazza tal-Hamrun izda tammetti li -Omissis- kemm-il darba harbet mid-dar residenzjali. Tixhed li fil-

fatt dan kollu kien gara stante li kienet inqabdet fi glieda ma' tfajliet ohra li huma residenti fid-dar residenzjali.

Illi xehdet <u>l-Ispettur Elisia Scicluna</u> li tghid li rceviet komunika minn certu Kevin Block ghan-nom u inrapprezentanza tal-Conservatorio Vincenzo Bugeja li ma setax jindika jekk fid-dar residenzjali tal-allegata vittma kienx hemm gwardjan tas-sigurtà fil-perjodu li sehhew l-allegati reati. Izzid tghid ukoll li rceviet komunika mill-agenzija Identità li tali agenzija ma setghetx tintracca lil certu Alafi Al Karif li kien xhud mitlub mid-difiza.

Illi xehed minn jeddu l-imputat <u>Najah Agheez</u> li jghid li fis-sbatax (17) ta' Frar 2022 kien mietlu missieru. Jghid li hu jaf lil -Omissis- minn qabel ma sehh l-allegat reat. Jixhed li kienet hi li ppruvat tistiednu sa hdejha fuq il-bankina. Izid jghid li hu kien pogga bilqieghda hdejha filwaqt li qieghed idejh fuq spallejha kif ukoll fuq koxxtejha. Ikompli jghid li hu skuza ruhu u telaq minn fuq il-post. Izid jghid li l-ghada kien miftiehem mal-vittma minuri sabiex jergghu jiltaqghu izda nduna li kien hemm il-prezenza tal-Pulizija u stante li kien jaf li hi wettqet rapport fil-konfront tieghu hu qaghad 'il boghod. Jixhed però li waqt li kien gewwa stabbiliment,

gew fuqu l-Pulizija u gie arrestat. Ikompli jghid li l-allegata vittma kienet qaltlu li hi ghandha l-età ta-dsatax (19)-il sena u jikkonferma li hu kien wassalha lura r-residenza taghha. Jghid li meta ltaqghu -Omissis- kienet liebsa qalziet kulur iswed kif ukoll flokk iswed. Jghid li hu ma messx lill-allegata vittma fuq il-laham u ma kellu ebda intenzjoni li jiehu vantagg minnha. Jippreciza li l-allegata vittma kienet marret id-dar tieghu u bdiet tinza' hwejjigha izda peress li kien fis-sakra hu qalilha biex terga' tilbes halli jwassalha lura r-residenza taghha.

Inkontroezami jghid li hu kien qaghad jitbewwes ma' -Omissis- u li dik kienet in-natura tar-relazzjoni taghhom. Jixhed li kien ilu jafha mix-xahar ta' Dicembru. Jinsisti li l-allegat vittma qaltlu li hi ghandha dsatax (19)-il sena. Jixhed li hu skuza ruhu maghha li messha b'rispett lejn il-mewt ta' missieru stante li hija parti mill-kultura Musulmana li fi zmien ta' luttu wiehed ghandu joqghod 'il boghod mid-dnub. Jichad li hu kien mess ghonq l-allegata vittma kif ukoll jichad li pprova jmiss xi parti intima ta' gisimha.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibilità tal-vittma -Omissis- kif ikkorroborata mal-provi l-ohra mressqa mill-prosekuzzjoni. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza tali xhieda ta' allegata minuri huma dawk tal-idonejità taghha bhala xhud u jekk it-testimonjanza taghha ghandhiex mis-sewwa.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, lokalment ghandna gurisprudenza varja li tghallimna dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici** datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk –

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-*

*gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness.***

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for*

*the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent***[1]*. It cannot hear him without oath (...)"*

Illi gialadarba l-minuri -Omissis- ma kellhiex età tenera meta hija tat id-depozizzjoni taghha u gialadarba din il-Qorti hadet il-prekawzjonijiet kollha rikjesta mil-ligi u cioè li x-xhud tkun taf l-importanza li tghid il-verità shiha, u ghalhekk kienet sodisfatta illi l-istess minuri fehmet li trid tghid il-verità.

Illi rigward il-veracità tax-xhieda tal-vittma ghandu jinghad li ghalkemm l-istess minuri certament ma kinitx qed tghix hajja facli peress li kienet qed tirrisjedi go 'home' hija kienet madanakollu

[1] Emfazi tal-Qorti

konsistenti fid-dikjarazzjoni taghha u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

## Ikkunsidrat

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok verzjoni ta' minorenni versu verzjoni ta' persuni ohra.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reat li bih huwa addebitat l-imputat irid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha nkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova

l-prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-*

*persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker</u>**[2] fejn gie ritenut illi:

[2] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

Ukoll fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorne**[3], il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-*

[3] QA Kriminali – deciza 9 ta' Lulju 2003

*Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**[4] inghad is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-*

[4] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

*diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

Illi jinghad li l-verzjoni tal-minuri ghandha titiqies bhala wahda korretta u certa u dan stante l-verzjoni taghha giet ikkorroborata ma' dik li ta l-akkuzat fl-istqarrija tieghu. Il-Qorti sejra tispjega ghalfejn sejra taghmel referenza ghall-istqarrija tal-akkuzat fil-paragrafi li gejjin.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi jirrizulta li din l-istqarrija ttiehdet minghajr minacci jew theddid u wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu, huwa ma nqediex b'dan id-dritt.

Illi di più, din il-Qorti thoss li ghandha tidhol fil-kwistjoni; ghalkemm qatt ma giet sollevata mid-difiza; li l-istqarrija tal-imputat (ghalkemm ittiehdet b'mod volontarju u minghajr minacci

u bil-kawteli kollha vigenti dak iz-zmien); tal-ammissibilità tal-istqarrija u dan minhabba zviluppi li saru wara fejn is-suspettat ghandu dritt li jkollu avukat prezenti mill-bidu tal-investigazzjoni.

Illi jirrizulta li f'dan il-kaz l-imputat odjern inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu u ma nqediex b'tali dritt.

Illi l-Qrati taghna kif ukoll dawk tal-Unjoni Ewropea mhux dejjem kienu konkordanti fuq dan il-punt. Waqt li kollha jaqblu illi stqarrija minghajr l-ebda wahda mill-kawteli prezenti tirrizulta ghall-inammissibilità tal-istqarrija mhux tal-istess parir meta d-dritt tal-avukat inghata izda mhux tal-prezenza tal-avukat waqt l-istqarrija.

Illi f' dan ir-rigward issir riferenza ghall-insenjament tal-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea f' **Beuze vs. Belgium** (dec 9/11/2018 - 71409/10) fejn tenniet is-segwenti:

> *"In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for*

*a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).'"*

Illi f'dan il-kuntest referenza ssir ukoll ghal kaz iehor bl-ismijiet **Farrugia vs. Malta** (dec 4/6/2019 - 63041/13) fejn il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem segwiet l-insenjament tal-*Grand Chamber* f' Beuze. Fil-kaz **Farrugia v. Malta**, il-Qorti Ewropea kellha l-opportunità li tezamina s-sistema Maltija fejn sabet li s-sistema nostrana tissodisfa t-test tal-*overall fairness*.

Ghalhekk, l-enfasi tal-Qorti Ewropea hija diretta lejn l-overall fairness of the proceedings u din giet imfissra illi:

> *"'While very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.'"*

Decizjoni tal-Qorti Ewropea aktar ricenti minn ta' Farrugia u li ghal darb'ohra tanalizza s-sistema li kienet vigenti qabel dahal id-dritt ta' assistenza legali fil-kuntest ta' interrogazzjoni fil-ligi nostrana hija dik bl-ismijiet <u>Mark Charles Kenneth Stephens vs. Malta</u> (dec 14/1/ 2020). F'din l-ahhar sentenza gie ritenut hekk:

> *"'However the Court notes that the non-observance of one of the minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 will not*

*lead to an automatic violation of that provision (see, for example and by implication, Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 and 3 others, 13 September 2016, and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, ECHR 2015). The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case. The Court' s primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Beuze v. Belgium, [GC], no. 71409/10, §§ 120, 9 November 2018 and the case-law cited therein.*

*...*

*Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to*

*a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them.' "*

Illi ghalhekk tqis li l-istqarrija moghtija f'din l-investigazzjoni ghandha tkun ammissibbli bhala prova aktar u aktar meta l-imputat, tul il-proceduri, kellu kull okkazjoni li jezamina u jikkontroezamina kull xhud li ressqet il-prosekuzzjoni kif ukoll jixhed hu stess u jressaq xi provi li hass li kellu jressaq.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi ghandu jigi evalwat li l-unika difiza li l-akkuzat ipprova juza u cioè dik tas-sokor. Tali difiza tqajmet mill-akkuzat kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll fix-xhieda tieghu stante li hu dejjem insista li matul dan l-incident hu kien fi stat ta' sokor tant li ma kienx jaf x'kien qieghed jaghmel.

Illi l-gurisprudenza Maltija hija cara u ezawrenti fuq dan il-punt. L-Artikolu 34 sub-inciz 1 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> *"Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, is-sokor ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali."*

Illi dan l-artikolu gie spjegat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Alexander Scerri</u>**[5] fejn intqal hekk:

> *"Issa, fil-ligi taghna, ir-regola hi li s-sokor (li jinkludi intossikazzjoni permezz ta' narkotici jew drogi) ma jistax*

[5] Deciza 30/04/2001

*jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali (ara s-subartikoli (1) u (5) tal-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali). Dan ifisser li, dejjem bhala regola, is-sokor la hi cirkostanza skuzanti u anqas cirkostanza skriminanti. Anzi c-cirkostanza tas-sokor tista', u f'certi kazi ghandha, titqies bhala cirkostanza aggravanti, bhal fil-kaz ta' min imiss lalkohol meta jaf li meta jaghmel hekk jibda jitbellah u jikser il-ligi."*

Illi huwa biss meta l-iskuzanti elenkati fil-ligi huma sodisfatti li s-sokor jista' jintuza bhala difiza u dan anke kif dettat mis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Spiridione Costa**[6]:

*"Illi gie mghallem illi:*

*.... dawn l-eccezzjonijiet ghandhom jigu interpretati u applikati ristrettivament. Meta jigi ppruvat li persuna tkun fi stat ta` sokor volut minnha, qabel ma tigi accettata l-eccezzjoni taht l-artikolu 34(4), il-Qorti ghandha tara u tezamina jekk minkejja dak l-istat ta` sokor, jew stat iehor approssimattiv, li*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) datata 03/05/2019

*forsi seta` b'xi mod jinnewtralizza l-possibilita` ta` intenzjoni partikolari, kienx hemm il-possibilita` ta` intezjoni ohra. Ghandu jigi ezaminat jekk l-appellat kien fi stat li ma setax ikollu l-kapacita` li jifforma intenzjoni ghal reat partikolari, izda kellu l-kapacita` li jifforma intenzjoni ghal reat iehor. Sabiex jigi invokat l-artikolu 34(4) b'success, mhux bizzejjed li jirrizulta li l-persuna imputat tkun fis-sakra. Biex dan l-istat ta` sokor ikun dirimenti, jehtieg li l-Qorti tkun sodisfatta li, fil-hin tal-kommissjoni tad-delitt, ma kien jaf x'qed jaghmel jew ma kienx jaf li dak li kien qed jaghmel kienet xi haga hazina."*

Illi l-istess sentenza tkompli:

*"Dan ifisser illi ma kienx bizzejjed ghall-appellant jipprova illi huwa kien fis-sakra fil-mument tal-kummissjoni tar-reat, izda u fuq kollox illi kienu japplikaw fil-konfront tieghu xi wiehed jew aktar mill-eccezzjonijiet indikati fis-sub-inciz 2 ghall-artikolu 34 hawn fuq iccitati biex b'hekk*

*seta' jigi stabbilit illi huwa ma kienx f'kundizzjoni jifforma l-intenzjoni kriminali mehtiega sabiex jaghmel il-hsara minnu ikkagjonata jew inkella illi huwa kien fi stat ta' genn legali."*

Illi din il-Qorti tqis li l-akkuzat fl-ebda hin ma kkonvinca bl-ebda mod li d-dispozizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 34 sub-incizi 2 (a) u 2 (b) huma applikabbli ghal kaz *de quo*. Huwa ghalhekk li a bazi tal-kazistika sucitata kif ukoll tal-fatti speci tal-atti d-difiza tas-sokor qieghda tigi skartata.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fin-nota tieghu l-Avukat Generali indika r-reat ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens bhala reat li bih qieghed jigi addebitat bih l-akkuzat u dan skont il-provvedimenti tal-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta'*

*qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin"*

Illi kif digà nghad il-vittma kienet konsistenti sal-icken dettall fix-xhieda taghha kif ikkorroborat mal-istqarrija tal-akkuzat li kkonfermat il-verzjoni taghha. Illi konsegwentement huwa l-kompitu ta' din il-Qorti sabiex tanalizza x'jikkostitwixxi bhala "att ta' natura sesswali". Referenza ghalhekk qieghda ssir ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Manweli Zahra** deciza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April 2023 li tanalizza bir-reqqa l-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali:

*"Illi dak li trid tara l-Qorti huwa jekk fl-ewwel lok kienx hemm att ta' natura sesswali li ma jammontax ghal delitt iehor attentat jew kkonsmat u li tali att sesswali sar kontra l-volonta' tal-persuna. Illi l-imputat huwa akkuzat biss b'dak li hemm taht l-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gerald***

***Cassar*** *deciza 18/07/1959 dwar l-attentat vjolenti ghall-pudur fejn irretiniet hekk:*

> *L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' -jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra 18 altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma – 1542)" "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richiedono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato.*

*F'dan ir-rigward ukoll issir referenza ghal kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Joseph Micallef*** *deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta' Novembru 1988. (Vol. XXXIX.iv.931)*

> *"Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar 1955, fl-ismijiet* **Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud** *(Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mil-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolenti ghall-pudur huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolenti ghall-pudur (p. 933). Din il-Qorti diga` kellha l-okkazjoni li tezamina fid-dettal l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet* **The Police v. Thomas Wiffen***.*

*F'din is-sentenza kien gie spjegat, fi kliem il-gurista* **Francesco Carfora***, li:*

> *"'Atti di libidine … debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo*

*della libidine .... Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attriburi loro il carattere di atti di libidine ... noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita` e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali' (Digesto Italiano, Vol. VIII, parte 3, p.967)*

*Dwar it-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi atti di libidine, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Thomas Wiffen** deciza nhar it-tmienja ta' Jannar 1996 li tghid:*

*"Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propia consupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli ovvero diretti a sodisfare sifatta*

*concupiscenza' the duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act.*

***Whether there has been defilement or not, is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge, the lay judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or judge in all other cases - taking into account all the circumstances of the case, including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts[7].*"**

…

*Mill-banda l-ohra, kif gie osservat fis-sentenza* ***Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud*** *(vol. XXXIX.iv.931):*

*"L-artikolu dwar l-attentat vjolent ghall-pudur kien mehtieg, ghax, jekk l-azzjoni tas-suggett attiv tkun*

[7] Emfazi ta' din il-Qorti

*oltraggjat il-pudur tas-suggett passiv, dan hu bizzejjed, kien x'kien il-motiv li spinga s-suggett attiv, anki jekk ma kienx fini libidinuz, imma, per ezempju, kien vendetta. Hekk kien il-kaz 'Rex vs Carmelo Delia', 2 ta' Dicembru 1901, fejn is-suggett attiv iddiporta ruhu dizonestament ma' mara, izda ghall-fini ta' vendetta; u l-Qorti qalet - 'Atteso che, secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali, il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca nell'oltraggio violento all'altrui pudore, per qualsiasi motivo diretto, senza che nulla influisce sulla nozione del reato la diversita` dellacausa che abbia spinto ad agire, semprecche` l'azione abbia prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui.'*

*Kif spjegat fis-sentenza* ***il-Pulizija vs Oglive Grima*** *deciza fit-30 ta Settembru, 2020 qalet hekk:*

> *"din id-definizzjoni ta' atti ta' natura sesswali thaddan fiha kull forma ta' vjolenza sew morali sew fizika, sesswali u psikologika jew kull forma ta' hsara maghmula kontra persuna tas-sess femminili li tinkludi anke it-theddida ghall-istess. Dan ifisser allura illi l-appellant ma jista' qatt iqies illi l-atti impudici li dwarhom huwa gie misjub hati ma ghandhomx fihom l-element tal-vjolenza meta gew kommessi fuq persuna ta' taht l-eta u cioe' tfajla ta' tlettax-il sena, meta minghajr il-kunsens tal-istess kien hemm bewsa fuq ghonq it-tfajla u tokkament tal-warrani ta'l-istess tfajla u dan kontra l-volonta taghha. Jinghad li meta l-appellat staqsa jekk setghax ibus lit-tfajla din telqet tigri tirraporta dak li kien gara lilha."*

*Dan l-agir jiftah lok il-kwistjoni tal-bacio violento kif imsemmi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* **Il-Pulizija v Spiro Silvio** *deciza fit-12 ta' Marzu 1960 fejn gie kwotat anki l-Carrara u ndirizza dan ir-reat billi jghid li wiehed ghandu necessarjament jistaqsi tlett*

*domandi principali u jekk l-istess tlett domandi jigu risposti fil-pozittiv allura jirrizulta l-attentat vjolenti ghall-pudur. Il-Carrara jistaqsi:*

> *"Vi fu violenza nell'atto?*
> *Vi fu scopo di libidine?*
> *Il senso morale del popolo considera quell'atto come impudico?*
> *Ove ricorrono queste tre condizione, esiste il delitto di oltraggio violento al pudore. Cosi io riconosco gli elementi dell'oltraggio anche nel semplice bacio violento?" Carrara Programma Parte Speciale Vol II pg 410.*

*L-Archbold (Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017, para 14-88 pg. 923) jispjega hekk:*

> *A person (A) commits an offence if—*
> *(a) he intentionally touches another person (B),*
> *(b) the touching is sexual, (c) B does not consent to the touching, and*

*(d) A does not reasonably believe that B consents.*

...

*L-**Archbold** jaghti spjegazzjoni dwar "touching" u l-elementi li jsawru dan ir-reat:*

> *"Touching" includes touching with any part of the body, with anything else and through anything: s.79(8), ante.*
>
> *[...]*
>
> *In H. 2005] 2 Cr.App.R. 9, the Court of Appeal confirmed that a man who grabbed the trouser pocket of a woman and pulled her towards him shortly after asking her "Do you fancy a shag?" was guilty of an offence under s.3. A person "touched" another person if he touched the clothes that the other person was wearing. Where a touching was not inevitably "sexual", the Court stated that it was necessary to approach s.78(b) (ante at § 14-83) in two stages. First, because of its nature, might the*

*touching be sexual? Secondly, because of its circumstances or the appellant's purpose in relation to it (or both) was the touching actually sexual?*

*Different elements of the s.3 offence require proof of different states of mind such that the offence cannot be labelled as one of either basic intent or specific intent. However, the intentional touching element of the offence requires no more than basic intent so that voluntary intoxication cannot not be relied upon to negate that intent: Heard [2007] 1 Cr.App.R. 37. Pg. 923"*

Illi fl-istqarrija tieghu l-akkuzat jghid hekk a fol. 7 *et sequitur* tal-atti processwali:

*"M: Nghidlek sew illi inti mbaghad missejtilha koxxtejha u anke ghonqha?*

*T: Iva.*

*...*

*M: Ghalfejn imbaghad pruvajt iddahhal idejk minn gol-hwejjeg sabiex tmissilha il-pudur taghha (sidirha)?*

*T: Jiena missejtilha sidirha imma minn fuq il-hwejjeg. Ma missejthiex minn taht il-hwejjeg. Qaltli li hi mara mizzewga u sthajt minnha. Pero nammetti li waqaft immisilha sidirha dak il-hin ghaliex poggiet idha fuq idi biex tnehhihieli."*

Illi zgur mhux forsi li tokkamenti fuq l-ghonq u l-koxxa, kif ukoll fuq is-sider ta' mara jikkonsistu bhala atti ta' natura sesswali. Stante li l-Qorti sejra tqis li l-verzjoni tal-vittma hija wahda kredibbli u ghandha mis-sewwa, sejra tinstab htija ghar-rigward din l-akkuza kif dedotta fil-konfront tal-akkuzat.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi rigward l-Artikolu 251A subinciz (c) u (e), dan it-tip ta' fastidju gie dibattut mill-Qorti Kriminali fil-kawza bl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Roger Galea**</u> (dec. 06/01/2023 per Imh E. Grima) fejn gie deciz illi dan it-tip ta' fastidju ma hemmx bzonn imgiba fastidjuza precedenti. Fil-fatt intqal:

*"L-Ewwel Qorti, fid-decizjoni taghha kienet tal-fehma illi l-agir tal-appellat fil-konfront tal-vittma meta hija harget mill-kamra tal-banju kien meqjus bhala agir b'konnotazzjoni sesswali, liema imgieba ma kenitx mixtieqa mill-vittma u wkoll li kien wiehed offensiv, umiljanti, degradanti u intimidatorju, madanakollu qieset li din l-imgieba kienet marbuta ma' okkazjoni wahda biss u ghalhekk, b'referenza ghal gurisprudenza kopjuza dwar dak li jikkostitwixxi ir-reat tal-fastidju taht l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, kkonkludiet li l-elementi tar-reat ma jissussistux u ghaldaqstant illiberat lill-appellat mill-akkuza dedotta kontrih.*

*Illi ghalkemm ir-reat li bih l-appellat jinsab mixli jinsab imhaddan fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, u cioe' ir-reat tal-fastidju, liema reat l-qrati taghna kostantement interpretawh bhala tali li jirrikjedi imgieba mifruxa fuq ghal ta' l-anqas zewg okkazjonijiet, madanakollu ir-reat ikkontemplat fis-sub-inciz (1)(e) ta' dan l-artikolu tal-ligi, kif gustament jikkonkludi l-appellant Avukat Generali, ma ihaddanx fih l-istess elementi li jiffurmaw ir-reati*

*enkapsolati fis-sub-incizi (a) u (b) promulgati mat-twelid ta' dan ir-reat permezz ta' l-Att XX tal-2005 fejn l-att materjali tar-reat jikkonsisti fl-imgieba li timporta fastidju jew inkella kif jidher mit-test Ingliz meta l-awtur tar-reat "pursues a course of conduct which amounts to harassment". Illi l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali gie sostitwit permezz ta' l-Att XIII tal-2018 u cioe' 'l-Att biex jipprovdi sabiex l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-glieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, isiru u jkunu ezegwibbli bhala parti mil-Ligijiet ta' Malta'. Dan l-Att kellu ukoll bhala l-ghan tieghu li jippromwovi u jipprotegi d-dritt ta' kulhadd, u partikolarment persuni f'riskju li jigu esposti ghal vjolenza domestika li jghixu hajja hielsa mill-vjolenza kemm fl-isfera pubblika kif ukoll dik privata. Din il-ligi il-gdida hasbet sabiex tipprovdi ukoll ghal emendi konsegwenzjali f'ghadd ta' ligijiet varji, fosthom allura f'uhud mid-disposizzonijiet tal-Kodici Kriminali li jkopru ir-reati b'konnotazzjonijiet ta' natura sesswali. Fil-fatt fl-Iskeda ghall-Att hemm riprodotta fl-intier taghha il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u*

*l-glieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika iffirmata gewwa Istanbul, it-Turkija fil-11 ta' Mejju 2011, maghrufa komunement bhala il-Konvenzjoni ta' Istanbul, li giet minn Malta ratifikata f'Mejju tal-2014, bl-adezjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja ghal din il-Konvenzjoni isehh fid-09 ta' Gunju 2017. Il-Konvenzjoni ta' Istanbul hija l-aktar trattat internazzjonali komprensiv dwar il-glieda kontra, u l-prevenzjoni, tal-vjolenza kontra in-nisa u vjolenza domestika, bit-Trattat jaghti is-segwenti definizzjoni tal-vjolenza kontra in-nisa:*

> ***""vjolenza fuq in-nisa" hija mifhuma bhala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u ghandha tfisser kull att ta' vjolenza abbazi tas-sess li tirrizulta, jew li aktarx tirrizulta fi hsara fizika, sesswali, psikologika jew ekonomika jew tbatija ghan-nisa, inkluz theddid ta' atti bhal dawn, sfurzar jew cahda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk issir fil-pubbliku kif ukoll fil-hajja privata."***

*Illi fost ir-reati l-godda mahluqa wara r-ratifikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni hemm dawk imhaddna fl-artikolu 251A(1)(c)(d) u (e) tal-Kodici Kriminali li jitkellmu dwar il-hsara ta' natura sesswali perpetrata fuq il-vittma mill-awtur tar-reat. Illi minn qari tad-dicitura ta' dawn ir-reati l-godda, huwa evidenti li l-att vjolattiv tal-ligi ma ghadux dak ta' imgieba devjanti mifruxa fuq iktar minn okkazjoni wahda, izda jirrizulta ukoll meta ikun hemm att wiehed li jaqa' fid-definizzjoni ta' dawn is-sub-incizi godda ghall-artikolu 251A. B'mod specifiku is-sub-inciz (1)(e) li jikkontempla ir-reat addebitat lill-appellat jitkellem fuq "**att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali**", b'distinzjoni cara bejn il-kelma "att" u "imgieba", bir-reat allura jissussisti anke meta ikun hemm att vjolattiv wiehed. Illi anke t-test Ingliz ghall-ligi ma jirrendiex lill-awtur tar-reat hati biss meta "(he) pursues a course of conduct" izda meta "(he) subjects another person to **any act** and, or conduct with sexual connotations", b'distinzjoni hawnhekk ukoll bejn il-kelma "act" u "conduct".*

*Illi l-artikolu 40 tal-Konvenzjoni fil-fatt, meta jitkellem fuq il-fastidju sesswali, jimponi is-segwenti obbligu fuq il-firmatarji għat-Trattat:*

> ***"Il-Partijiet ghandhom jiehdu l-mizuri legizlattivi jew mizuri ohrajn necessarji sabiex jizguraw li kwalunkwe forma ta' mgiba verbali, mhux verbali jew fizika mhux mixtieqa ta' natura sesswali bil-ghan jew bl-effett li jmur kontra d-dinjita` ta' persuna, b'mod partikolari meta jinholoq ambjent intimidanti, ostili, degredanti, umiljanti jew offensiv, tkun soggetta ghal sanzjoni kriminali jew sanzjoni legali ohra."***

*Issa l-Ewwel Qorti gustament waslet ghal konkluzjoni li l-imgieba tal-appellat kienet wahda b'konnotazzjonijiet sesswali, li ma kenitx mixtieqa u "***indubbjament wiehed ta' intimidazzjoni, degradanti u offensiv lejn il-vittma."*** *Illi allura abbazi ta' dawn il-konkluzjonijiet probatorji, l-Ewwel Qorti kellha tghaddi sabiex issib il-htija fl-appellat ghar-reat lilu addebitat billi l-elementi ta' dan ir-reat*

*jikkonsistu mhux biss f'dik l-imgieba jew dik il-course of conduct mehtiega biex jissussistu ir-reati imfassla fis-sub-incizi (1)(a) u (b) ta' l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, izda ukoll f'dak l-att wiehed u uniku li jkollu konnotazzjonijiet sesswali "**inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, ..... fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolemnt jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha.**"*

*Illi allura l-Qorti ma tistax taqbel mal-interpretazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti tar-reat addebitat lill-appellat u tqies illi mill-evidenza ikkumpilata fl-atti huwa indubitat illi l-appellat huwa hati kif mixli."*

Illi ghalhekk tenut kont ta' dan kollu kif ukoll il-fatti tal-kaz, din il-Qorti sejra ssib htija fuq l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi kif dedotti kontra l-imputat.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi jinghad però li din il-Qorti ma tistax tapplika l-aggravji kif dettati mill-Artikoli 202 (g) 251H (d) u cioè li r-reati li bihom qieghed jigi akkuzat l-imputat sehhew fuq persuna li hija minuri. Illi dan stante l-fatt li l-prosekuzzjoni, ghal xi raguni li ma tistax tifhem din il-Qorti, naqset milli tipprezenta prova li -Omissis- hija minorenni. Zgur mhux forsi li att ta' twelid kien jissoddisfa l-prova necessarji sabiex jigu applikati l-aggravji. Illi minhabba dan in-nuqqas din il-Qorti ma hijiex ser tapplika piena ta' prigunerija effettiva izda wahda riformattiva.

## Ikkunsidrat

Illi rigward l-akkuza kif sancita taht l-Artikolu 338 (ff) tal-Kodici Kriminali ghalkemm l-akkuzat jghid fl-istqarrija tieghu li hu kien xorob u anke kkonfermata mill-vittma, però dak li ghandu jigi ppruvat ukoll illi l-imputat ma kienx f'pozizzjoni li jiehu hsieb lilu nnifsu minhabba dan l-istat li dan sfortunatament ma giex ippruvat. Ghaldaqstant tali akkuza ma tinsabx ippruvata sodisfacjentement.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi a rigward il-piena, il-Qorti tinnota li l-akkuzat fl-ebda hin ma offra spjegazzjoni sodisfacenti ghall-agir tieghu. Kemm waqt l-istqarrija tieghu, kif ukoll meta xehed, hu dejjem qal li kien ghaddej minn zmien difficli stante li kien mietlu missieru. Din zgur mhux forsi ma hi difiza legittima sabiex wiehed jintefa' go pjazza u jaghti fastidju lil xi hadd. Tali agir ma hu accettabli qatt la fil-kultura Maltija u wisq anqas f'kultura Musulmana!

Illi *di più* l-avukat difensur kien konxju ta' x'intqal mill-istess akkuzat fl-istqarrija tieghu, u dan ukoll ma pprova bl-ebda mod sabiex jiggustifika l-agir tal-klijent tieghu billi jressaq provi dwar xi mitigazzjoni tal-piena. Il-Qorti tinnota wkoll li fl-ebda punt matul dawn il-proceduri ma ntalab mid-difiza biex tigi mistharrga l-hajja tal-imputat minn Ufficjali tal-Probation biex forsi jigu ndirizzati l-problemi principali li ghandu jahdem fuqu l-akkuzat.

Ghalhekk, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija kostretta li timponi piena karcerarja effettiva fil-minimu izda xorta wahda sejra taghti

opportunità lill-akkuzat sabiex jikseb ir-riforma u l-ghajnuna li ghandu bzonn.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 207, 251A (1)(c) u 251A (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Najah Agheez** hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal zmien tliet (3) snin prigunerija effettivi kif ukoll tpoggih taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin ukoll filwaqt li qed tilliberah mit-tielet (3) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

In oltrè, u a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi fuq l-imputat **Najah Agheez** ghal Ordni ta' Trazzin a favur il-parte civile ghal zmien tliet (3) snin u liema ordnijiet ghandhom jifformaw part integrali minn din is-sentenza.

Finalment, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **Najah Agheez** ihallas

l-ammont ta' mija u disgha u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmi (€129.88) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**